**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA B.A., LL.D.**

**Illum, 3 ta' Gunju 2022**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Clint Xuereb**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Clint Xuereb, iben Raymond u Carmen *nee'* Xuereb, imwieled tal-Pieta', nhar l-4 ta' April, 1988, residenti gewwa 17, *Le Nid*, Triq il-Wasliet, is-Swieqi, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 165188M, senjatament akkuzat talli;

F'dawn il-gzejjer, fit-23 ta' Novembru, 2020;

1. Ghall-habta tas-18:00*hrs* u fi granet u l-hinijiet ta' qabel waqt li kien qieghed gewwa l-Park tal-Majjistral limiti tal-Mellieha u fil-gzejjer Maltin, kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar u/jew munizzjon barra mill-fond imsemmi fil-licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija u dan bi ksur tal-Kap. 480, Art 5 (3) (a);
2. Akkuzat ukoll talli fl-istess dati, lok, hin, u cirkostanzi, ghamel tibdiliet jew ittanta jaghmel tibdiliet fl-arma tan-nar, hekk li tinbidel il-klassifikazzjoni ta' dawk l-armi tan-nar, minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, u dan bi ksur tar-Reg. 45 (1) tal-Kap. 480;

3. Aktar talli fl-istess data, lok, hin, u cirkostanzi, zamm f'xi fond arma tan-nar u munizzjon, liema fond ma kienx dak specifikat u ma zammx din l-arma u munizzjon maqfulin b'mod sigur u separat f'dak il-fond u li zamm arma tan-nar ikkargata u dan bi ksur ta' Kap. 480, Art. 5 (3) (a) tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti kienet mitluba illi barra li taghti l-piena taht ir-Regolament 27 tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat, tordna l-konfiska tal-*corpus delicti* u s-sospensjoni ta' kull licenzja jew permess mahruga taht ir-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija, ghall-perjodu applikabbli taht l-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat.

Il-Qorti kienet ukoll gentilment mitluba li thassar jew tissospendi l-licenzja taht l-Att tal-Armi u tipprojbixxi lill-persuna milli jkollha xi licenzja taht dan l-Att ghal zmien mhux izjed minn hames snin.

Il-Qorti kienet mitluba illi f'kaz ta' htija barra li taghti l-piena skond il-ligi, tordna l-konfiska tal-oggetti esebiti.

Semghet ix-xiehda;

Rat id-dokumenti ezebieti fl-atti processwali odjerni;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-provi jirrizulta li nhar it-23 ta' Novembru 2020, l-pulizija kienu qeghdin jaghmlu ronda fit-tramuntana ta' Malta in konnessjoni mal-kacca u l-insib illegali. In segwietu ghal rapport, il-pulizija marru jaghmlu spezzjoni fuq mansab fejn dak il-hin kien hemm prezenti fih Dillon Bonnici u hemmhekk nstab senter tal-arma Benelli bin-numru tas-serje M290463 li ma kienx irregistrat fuq Bonnici izda fuq il-qua imputat Clint Xuereb. L-arma kienet modifikata b'attachment maghha sabiex tiehu izjed minn zewgt skratacc (u cioe' seba' skratacc). Meta mitkellem mill-pulizija, wara li rrinunzja d-dritt ghall-assistenza legali, l-qua imputat ikkonferma li huwa halla l-arma warajh sabiex imur jixtri tigiega. Xehed rapprezentant tal-pulizija dwar l-armi rregistrati fuq il-qua imputat. Illi waqt x-xhieda tal-prosekuzzjoni l-abbli difensuripprezenta korrispondenza eletronika li dina l-Qorti ser tiskarta ai fini ta' evalwazzjoni ta' prova galadarba dina ma giet qatt ikkonfermata bil-gurament.

Illi l-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tal-imputat Clint Xuereb ma tirrizultax pruvata u dana galadarba mill-provi pprezentati ma jirrizultax li l-qua imputat kien fil-pussess tal-arma. Illi ghal dak li jirrigwarda t-tieni imputazzjoni jirrizulta li ghalkem il-prosekuzzjoni ressqet prova dwar l-armi li

l-qua imputat ghandu rregistrati f'ismu, naqset milli tressaq prova dwar l-awtorizazzjoni tal-Kummissarju tal-pulizija ghal xi tibdiliet fl-arma tan-nar. Lanqas ma jirrizulta li l-arma bidlet il-klassifikazzjoni taghha. Ghaldaqstant dina l-imputazzjoni ma gietx sodisfacentament ippruvata. Illi ghal dak li jirrigwarda t-tielet imputazzjoni dedotta fil-konfront tal-qua imputat, fil-fehma ta' dina l-Qorti din giet ppruvata mill-prosekuzzjoni sal-grad rikjest mil-ligi galadarba l-arma ma nstabitx fil-pussess tal-qua imputat izda fil-pussess ta' terz b'mod li din kienet liberament accessibli ghal terzi.

**Decide**

Ghal dawn il-mottivi, dina l-Qorti, wara li rat l-artikolu 47(1) u 51(8) tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tillibera lill-qua imputat mill-ewwel u t-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront tieghu filwaqt li qed isibu hati tat-tielet imputazzjoni dedotta fil-konfront tieghu u konsegwentament qed tikkundanah ghall-piena ta' hames mitt Ewro (Eur. 500) li b'applikazzjoni tal-artikolu 14(2) tal-Kodici Kriminali tista' tithallas b'rati mensili ta' mitt Ewro (Eur. 100) fix-xahar. F'kaz li l-hlas ikun ha jsir b'rati mensili, l-ewwel pagament ghandu jsir fi zmien xahar millum, b'dan illi jekk il-hati jonqos milli jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jekk dan ma jithallasx jigi konvertit fi prigunerija skont il-ligi.

Il-Qorti, ai termini tal-artikolu 23 tal-Kodici Kriminali, qed tordna l-konfiska tal-*corpus delicti* u cioe' tal-arma elevata mill-pulizija u ezebieta fil-proceduri odjerni.

MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA B.A., LL.D.

Christine Farrugia
Deputat Registratur